

Brussell, 19 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0232(COD)

5265/21
ADD 1

UD 5
ENFOCUSTOM 10
MI 15
COMER 2
TRANS 13
ECOFIN 40
CADREFIN 18
CODEC 40

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabbilixxi l-programm "Dwana" għal kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana¹.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018².
3. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta r-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu dwar il-proposta³, u b'hekk ikkonkluda l-ewwel qari tiegħu.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti pprovda lill-Presidenza b'mandat parzjali⁴ biex tidħol f'negozjati informali mal-Parlament b'xi dispożizzjonijiet jibqgħu fil-parentesi minħabba r-rabta tagħhom mad-diskussjonijiet ġenerali tal-QFP jew in-natura orizzontali tagħhom.
5. Il-mandat parzjali għal negozjati ġie aġġornat biex jieħu kont tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP 2021-2027 u l-Pakkett għall-irkupru adottati fil-21 ta' Lulju 2020⁵, li rriżulta f'mandat sħiħ għal negozjati approvati mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-4 ta' Novembru 2020⁶.
6. Wara n-negozjati interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew fl-2019 u l-2020 intlaħaq ftehim proviżorju rigward ir-Regolament dwar il-Programm Doganali bejn il-koleġiżlaturi fit-trilogu politiku fil-15 ta' Diċembru 2020. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-kompromess finali li rriżulta mit-trilogi⁷.

¹ Dok. ST 9929/18.

² ĠU C 62 tal-15.2.2019, p. 45.

³ Dok. ST 8055/19.

⁴ Dok. ST 15514/18.

⁵ Dok. ST 10/20.

⁶ Dok. 12344/20.

⁷ Dok. 14089/20.

7. Fil-11 ta' Jannar 2021, il-Kumitat IMCO tal-Parlament Ewropew approva t-test. Sussegwentement, fl-14 ta' Jannar 2021, il-President tal-Kumitat IMCO bagħtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indikat li ser tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament.
8. Fis-27 ta' Jannar 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-kompromess li ntlaħaq dwar il-proposta sabiex jippermetti qbil bikri fit-tieni qari bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

II. OBJETTIV

9. Il-proposta hija parti mill-proposti settorjali li jikkomplementaw il-pakkett ta' proposti orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin 2021 sal-2027.
10. L-objettiv tal-Programm huwa li jappoġġa lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali, jiproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza fi ħdan l-Unjoni u jiproteġi lill-Unjoni minn kummerċ inġust u illegali, filwaqt li jiffaċilita attività kummerċjali leġittima.
11. Huwa għandu l-għan li jippermetti finanzjament adegwat għal azzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, għal sistemi elettroniċi, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi kif ukoll għall-innovazzjoni u jikkomplementa l-inizjattivi u l-investimenti nazzjonali f'dan il-qasam.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Punti ġenerali

12. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġislaturi.

B. Kwistjonijiet ewlenin

13. L-elementi ewlenin tal-kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew huma deskritti hawn taħt:

- intlaħaq qbil dwar id-durata tal-Programm mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 u l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament;
- ġew elaborati l-objettivi speċifiċi tal-Programm;
- ġew speċifikati aktar l-azzjonijiet eliġibbli għall-finanzjament;
- ġie ċċarat il-proċess tal-għażla ta' esperti esterni;
- ġew iddettaljati r-responsabbiltajiet biex jiġu żgurati l-iżvilupp u l-operazzjoni tas-sistemi elettroniċi Ewropej;
- tneħħiet ir-referenza għall-Pjan Strateġiku Pluriennali għad-Dwana filwaqt li ma tħassritx id-Deċiżjoni 70/2008/KE;
- il-Programm ser jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni;
- issaħħu l-kriterji u l-modalitajiet tal-evalwazzjoni;
- ġiet introdotta klawżola ġdida rigward l-obbligu ta' rappurtar u l-estensjoni fir-rigward tad-delega ta' setgħa.

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti kompletament il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitati mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat permezz tal-ittra li l-President tal-Kumitat IMCO indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-14 ta' Jannar 2021.
